**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 146/02AE**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alexander Arena sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Alexander Arena**

**vs**

**Matthew Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tnejn u disghajn lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm492.52), rapprezentanti danni sofferti

mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Dicembru 2000 gewwa Triq il-Hrareb, Ghaxaq bejn vettura bin-numru IAZ 661 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru JBC 495 propjeta ta' l-attur Alexander Arena u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u jikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza odjerna titratta incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Dicembru 2000 gewwa Triq il-Hareb, Ghaxaq bejn il-vettura misjuqa mill-attur Alexandra Arena (numru JBC 495) u vettura misjuqa mill-konvenut (numru IAZ 661).

2. Mill-provi rrizulta li fil-hin ta' l-incident l-attur kien ghaddej minn triq principali, filwaqt li l-konvenut hareg minn triq sekondarja.

3. Ma jirrizultax li min-naha ta' l-attur kien hemm xi ksur tar-regolamenti tat-traffiku li b'xi mod setghu kkontribwew ghall-akkadut.

4. Huwa maghruf li hadd m'ghandu johrog ghal fuq triq principali jekk ma jkunx cert li jista' jibda u jispicca din il-manuvra, minghajr ma johloq periklu u jostakola t-traffiku li

jkun ghaddejn mit-triq principali. Il-fatt li seta' kien hemm trukk li b'xi mod kien qieghed jostakola l-vizwali tal-konvenut (ghalkemm dan ma rrizultax mill-provi) kien jinkombi fuqu iktar attenzjoni.

5. Dwar id-danni reklamati, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Dicembru 2000 gewwa Triq il-Hrareb, Ghaxaq.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u tnejn u disghajn lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm492.52) in lineja ta' danni.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba, u bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**